# NICCA TAL-MADONNA TAR-RUZARJU

FIL-BELT VALLETTA

MINN VINCENT ZAMMIT

Nistghu nghidu, li id-drawwa li jigu nkorporati nicec ghall-qaddis protettur tal-familja fil-faccati tad-djar, ilha li nqatghet. Izda xorta wahda ghadna nsibu xi ezempji zghan, fejn persuni jew familji jirrikorru ghall-protezzjoni tal -qaddis. Xi drabi, xi nicec gew introdotti minn xi Ordni Religjuz, biex ikunu jistghu ikattru d-devozzjoni lejn qaddis jew qaddisa partikolari. Fost dawn l-Ordnijiet, insibu dak Dumnikan, li minn dejjem wera devozzjoni kbira lejn il-Madonna, taht id-diversi titoli li hi maghrufa bihom. L-aktar fost dawn, insibu il-Madonna tar-Ruzarju.

Taht dan it-titlu nsibu li kienu jitwaqqfu konfraternitajiet kull fejn ikun hemm kunvent Dumnikan. Id-devozzjoni kbira lejn il-Madonna tar-Ruzarju ma kienx restritt biss ghall dawn l-Ghaqdiet, izda gie li twaqqfu xi nicec fit-toroq ukoll, biex b'hekk id-devozzjoni tkompli dejjem tizdied. Gewwa l-Belt Valletta, fejn id-Dumnikani nsibuhom iwaqqfu l-kunvent taghhom mat-twelid ta' l-istess belt, naturalment insibu wkoll il-konfraternita' tar-Ruzarju, kif ukoll, ghall-anqas zewg nicec iddedikati lill-Madonna tar-Ruzarju. Wahda minn dawn hija sempliciment inkwatru, mghotti bil-hgiega, fen insibu santa tal-Madonna tar-Ruzarju. Il-gwardic huwa ta' l-injam, u ma tantx insibu tizjin. Din tinsab mall-hajt tal-kunvent stess, fi Triq San Nikola. Izda nicca ohra iddedikata lill-Madonna tar-Ruzarju, hija dik li llum tinsab fi Pjazza Sant'Jie rmu. Din in-nicca hija ferm artistika u fost l-aktar mizmuma tajjeb fill-Belt. Ghandha xkaffa ta' l-injam sod, u fuq hemm tliett figuri marbutin mal-Madonna tar-Ruzarju, li huma il-Madonna fuq tron, u tahtha, gharkubtejhom hemm San Duminku u Santa Roza.

Dan il-grupp statwarju huwa mizbugh bil-kuluri, u jiehdu hsiebu il -Familja Chircop li joqoghdu fill-qrib. Qabel ma wasal f'din il-pjazza, dan il-grupp statwarju kien jinsab fi Triq San Guzepp kantuniera ma' Triq Tramuntana, fill-Belt stess. Minn dejjem kien he mm devozzjoni lejn dan il-grupp statwarju, ghax ommi tghid, li meta kienet ghadha tfal, fix-xhur ta' Mejju u Ottubru kien hemm ragel li kien jiehu hsieb jigbor in-nies biex jghidu r-ruzarju quddiem din in-nicca. Ftit qabel is-sitta ta' filghaxija, kien jibda jdur ma' l-inhawi jdoqq qanpiena u bil-mod il-mod kienu jingabru n-nies. Dawn kienu jgibu maghhom banketta jew siggu, u t-tfal kienu jpoggu fl-art. Kulhadd kien ihares lejn din in-nicca, u ix-xena kienet regolari fix-xhur li semmejna. Illum fl-istess lok ghadu jinsab biss il-pedestall tal-gebel.

Ghalkemm ghad fadal xi devozzjoni lejn il-Madonna tar-Ruzarju, din m'ghadhiex popolari daqs qabel. Qabel ma tqeghdet fejn hi issa, din in-nicca giet irrestawrata minn zaghzugh tal-parrocca u mizbugha mill-gdid. Ghalkemm il-kuluri kemxejn jghijtu, dawn joghgbu lin-nies in generali.

L-uniku avveniment li jsir madwar din in-nicca, illum, hija quddiesa. Din il -quddiesa issir generalment fl- ahhar jiem ta' Ottubru. Fl-1982 saret il-Gimgha, 29 ta' Ottubru, fis-sitta ta' filghaxija. Bidla interessanti hi li daz-zmien din il -quddiesa qed tigi organizzata mid-dDumnikani stess, u mhux imhollija f'idejn ragel kwalunkwe. Qabel il-quddiesa, jinghad ir-ruzarju bis-slides, isir kant u qari mill-Kotba Mqaddsa. Hi ja drawwa sabiha li in-nies ta' l-inhawi jixghelu il-gallar-ijiet taghhom f'din l-okkazjoni.

B'hekk jidher kif certi drawwiet ghadhom ma spiccawx ghal kollox, ghalkemm dejjem isir xi tibdil. Ukoll li wiehed jiehu hsieb dawn in-nicec hija drawwa sabiha, ghax din hija parti mill-folklor ta' pajjizna.